**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 26 ta' Frar, 2002

**Numru 34**

**Avviz. numru 302/01JR**

**Tabib Principali tal-Gvern**

**vs**

**Martin Camilleri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Mejju, 2001, fejn intalab il-hlas ta' hamsa u sittin lira Maltija (Lm65.00), rapprezentanti hsarat li garrbet il-vettura ambulanza GVN-036 f'incident tat-traffiku li sehh fi Triq Dicembru 13, Marsa, fl-20 ta' April, 2000. L-incident de quo sehh unikament tort tan-negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti tat-traffiku da parti ta' Martin Camilleri, s-sewwieq tal-vettura DAV-812 li kienet**

**involuta fl-incident imsemmi. Ghalkemm interpellat permezz ta' ittra ufficjali tad-29 t'Awissu, 2000, Martin Camilleri baqa' nadempjenti.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-8 ta' Gunju, 2001, fejn gie eccepit:**

i. **preliminarjament l-intempestivita` ta' dawn il-proceduri stante illi hemm pendenti kawza simili, identika, (Avviz 1712/00PS) li ghada mhix deciza u tinsab differita sine die; u**

ii. **illi l-incident sehh biss tort tan-negligenza ta' l-attur jew sewwieq ta' l-ambulanza GVN-036;**

iii. **illi l-ispejjez reklamati huma esagerati;**

iv. **salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.**

**Semgha x-xhieda ta' Paul Galea.**

**Ra r-rikors ta' l-attur prezentat fit-12 ta' Dicembru, 2001, li fih spjega li l-kawza li ggib Avviz Numru 1712/00PS qatt ma nstemghet peress illi l-process fl-intier tieghu ntilef fir-Registru tal-Qorti, u kien ghalhekk li l-attur intavola l-kawza mill-gdid.**

**Ikkunsidra:**

1. **Illi l-fatt li l-process ma nstabx kif allegat, haga li fuqha ma ngiebet ebda prova, m'ghandiex tkun raguni sabiex wiehed jiftah kawza ohra,**

**jekk ghad hemm proceduri ohra identici pendenti. Hemm rimedju meta process ma jinstabx, u dan hu dak il-process jigi riappuntat u jigi rikostruwit il-process originali.**

2. **Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni sollevata, cioe` dik ta' l-intempestivita` ta' l-azzjoni in vista tal-fatt li kien hemm proceduri simili pendenti fl-istess kaz, hija gustifikata.**

**Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jilqa' l-ewwel eccezzjoni, u jiddikjara li l-azzjoni kif intentata kienet intempestiva.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-attur skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**